**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03/2025

**L-Erbgħa 26 ta' Frar, 2025**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-17:30.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul – Viċi Sindku

Therise Abela – Kunsillier

Carmel Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier ***(wasal fil-17:40)***

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa.

### 03.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

03.01.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda talba t'apoloġija.

### 03.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 01/K9/2025.

03.02.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 01/K9/2025 kif ippreżentati.

03.02.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 03.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 02/K9/2025.

03.03.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 02/K9/2025 kif ippreżentati.

03.03.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.03.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 03.04 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/0769/25/I** Email mingħand l-Ambaxxata Ċiniża fejn talbu laqgħa mas-Sindku l-Av. Kaylon Zammit dwar tħawwil ta' siġar.

**46/1197/25/I** Email mingħand l-Ambaxxata Ċiniża fejn staqsew lis-Sindku l-Av. Kaylon Zammit jekk hux disponibbli għall-laqgħa fit-13 jew 14 ta' Frar dwar tħawwil ta' siġar.

03.04.1 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/0769/25/I u 46/1197/25/I** fejn irrimarka li l-laqgħa kienet saret u miegħu kien preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem irrimarka li r-rappreżentanti tal-ambaxxata wrew ix-xewqa li wara li jiġi ddentifikata s-siġar li ser ikollhom jinqalgħu minħabba l-proġett tal-ambaxxata, il-Kunsill ikun responsabbli li joħroġ sejħa pubblika għall-arborista / landscape arhitect biex jara jekk tali siġar jistgħux teknikament jinqalgħu u x'possibilità' hemm li dawn jitħawwlu f'post ieħor, u eventwalment ikun il-Kunsill li joħroġ sejħa għal dan ix-xogħol, bl-ispejjeż jitħallsu kollha mill-Ambaxxata. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li la darba l-Kunsill ikollu talba uffiċjali mill-ambaxxata, il-Kunsill ikun jista' jipproċedi. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li mar-rappreżentanti tresqet proposta biex fis-sit pubbliku li hemm bejn is-sit tal-ambaxxata u s-sit ta' Fino, jiġi żviluppat ġnien ċiniż bil-possibilita ta' parkeġġ taħt il-livell tat-triq u dan sabiex tissolva parti mill-problema li hemm fl-akwata.

03.04.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.4 ***Il-Kunsillier Raymond Lanzon wasal fil-17:40.***

**46/0816/25/I** Ittra mingħand residenta fejn taqbel mal-proposta ta' speed bump fi Triq Suffolk.

**46/1289/25/I** Ittra mingħand resident fejn ma jaqbilx mal-proposta ta' speed bump fi Triq Suffolk.

**46/1138/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon fejn bagħat ritratti fejn qed jipproponi li għandha ssir iz-zebra crossing fi Triq Alamein.

**46/1252/25/I** Email mingħand is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit fejn informa lill-Kunsillier Raymond Lanzon li l-ewwel għandha ssir applikazzjoni sabiex tiġi nstallata zebra crossing fit-Triq Suffolk u l-Perit tal-Kunsill jintalab jagħmel disinji biex il-bus shelter li bħalissa jinsab quddiem St. Michael's School jitmexxa 'l fuq fit-Triq Suffolk.

**46/1260/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon fejn informa lis-Sindku l-Av. Kaylon Zammit li jaqbel li l-Perit jindika l-aħjar post fejn għandha ssir iz-zebra crossing.

03.04.5 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/0816/25/I, 46/1289/25/I, 46/1138/25/I, 46/1252/25/I u 46/1260/25/I** fejn ippropona li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill biex jipprepara pjanta ħalli l-bus stop li hemm faċċata ta' St. Michael School jitla' fi Triq Suffolk wara l-multi purpose court u jkun jista' jiġi nstallat bus shelter, kif ukoll biex fl-istess triq fil-parti ta' bejn il-junction ma' Triq Falaise u l-Bus Shelter li hemm quddiem l-Australia Hall, issir zebra crossing.

03.04.6 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.04.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0836/25/I** Email mingħand Project Green dwar Skema ta' Tħaddir madwar Malta u Għawdex.

03.04.8 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/0836/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika l-proposta diġa sottomessa fejn ġew identifikata s-siti ta' bejn il-Pembroke P&R u Triq Sant'Andrija, Misraħ il-Fortizza, il-picnic area madwar Triq Anzio, Triq Medjez u ż-żona madwar San Patrizju speċifikament fejn kien inħaraq xi snin ilu.

03.04.9 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0837/25/I** Email mingħand Infrastructure Malta fejn informaw lill-Kunsill li l-proġett tal-Kunsill taħt l-iskema Vjal Kulħadd intgħażel għat-tieni fażi tal-iskema li ser tibda mis-sena 2026.

03.04.11 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/0837/25/I** fejn informa lill-Kunsill li wara diskussjonijiet li kellu, issa irriżulta li l-proġett propost mill-Kunsill, fil-prinċipju ġie aċċettat u huwa previst li jinbeda s-sena li ġejja.

**46/0854/25/I** Email mingħand Kalama food truck dwar permess biex ipoġġi trakk fi Triq Toruk bejn Triq San Andrija u Triq Giacchiuno le Brun.

03.04.12 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/0854/25/I** fejn ippropona li skont l-proċedura, il-persuna inkwistjoni trid tagħmel talba lill-Awtorità' tal-Artijiet, u jekk kemm il-darba dik it-talba tintlaqa', il-Kunsill jkun f'pożizzjoni li jilqa' jew jirrifjuta din l-istess talba.

03.04.13 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.15 Saret referenza għal hawker li hemm diġa fuq il-post dwar il-fatt jekk dan kienx hemm bil-permess tal-Kunsill, fejn is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li, l-Kunsill qatt m'approva li dan ikollu fixed point.

**46/0985/25/I** Email mingħand Professional Cleaning fejn informat lill-Kunsill li mhux ser iġeddu l-kuntratt u ser jibqgħu joffru s-servizz sal-aħħar ta' Frar 2025.

**46/1196/25/I** Kwotazzjoni mingħand Clentec għal servizz ta' tindif tal-uffiċini tal-Kunsill.

**46/1198/25/I** Kwotazzjoni mingħand Bad Boys għal servizz ta' tindif tal-uffiċini tal-Kunsill.

**46/1199/25/I** Kwotazzjoni mingħand Floorpul għal servizz ta' tindif tal-uffiċini tal-Kunsill.

03.04.16 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/0985/25/I, 46/1196/25/I, 46/1198/25/I u 46/1199/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' l-irħas talba u dan hekk kif titlob il-proċedura.

03.04.17 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1082/25/I** Email mingħand Global Security Malta fejn bagħtu kwotazzjoni għall-ambulanza + 'crew' għal waqt il-maratona tal-ġiri li ser issir fil-31 ta' Marzu.

**46/1264/25/I** Email mingħand Red Cross fejn bagħtu kwotazzjoni għall-ambulanza + 'crew' għal waqt il-maratona tal-ġiri li ser issir fil-31 ta' Marzu.

**46/1330/25/I** Email mingħand St. John Ambulance fejn bagħtu kwotazzjoni għall-ambulanza + 'crew' għal waqt il-maratona tal-ġiri li ser issir fil-31 ta' Marzu.

03.04.19 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1082/25/I, 46/1264/25/I u 461330/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' l-irħas talba u dan hekk kif titlob il-proċedura.

03.04.20 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1111/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon fejn informa l-Kunsill li l-Weight Management Programme ser jibda nhar it-Tlieta 29 ta' April (lectures fil-5.30pm) u l-Erbgħa 30 ta' April (Exercises 3.45pm) u jkompli kull nhar ta' Tlieta u Erbgħa għal 8 ġimgħat konsekuttivi.

**46/1390/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon fejn bagħat informazzjoni dwar il-Programm - Piż Tajjeb Tul Ħajtek.

03.04.22 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1111/25/I u 46/1390/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova dan il-kalendarju.

03.04.23 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.04.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.25 Il-Kunsillier Raymond Lanzon ikkonferma li għal dan il-kors, ser ikun jista' jiftaħ u jagħlaq il-Kunsill fil-ħinijiet u ġranet indikata.

**46/1115/25/I** Email mingħand 360 Solutions fejn b'referenza għaż-żjara li saret fuq il-post dwar l-irranġar tal-latrini tal-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta bagħtu kwotazzjoni addizzjonali għax-xogħol li hemm bżonn isir kif ukoll informaw lill-Kunsill li ser iġibu samples tal-madum.

**46/1247/25/I** Email mingħand 360 Solutions fejn b'referenza għas-samples tal-madum li ġabu talbu l-kummenti tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jipproċedu bl-ordni.

03.04.26 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1115/25/I u 46/1247/25/I** fejn informa lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 04/02/2025 saret laqgħa dwar l-upgrading tal-latrini ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta fejn għall-Kunsill kienu preżenti hu, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u l-Perit Dieter Falzon kif ukoll il-kuntrattur li ser jieħu x-xogħol. Il-kelliem irrimarka li mill-ispezzjoni rriżulta li hemm bżonn xi varjazzjonijiet fix-xogħol tant li l-kuntrattur intalab jipprovdi stima li kellha tintbagħat ukoll lill-Perit tal-Kunsill għall-kummenti tiegħu. Il-kelliem żied li d-dokumentazzjoni intbagħtet lill-Perit tal-Kunsill fejn qabel mat-tali dokumentazzjoni u għalhekk fid-dawl ta' dan, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjoni li ser ikun qed jiffinalizza l-Perit tal-Kunsill kif ukoll li l-kuntrattur jiġi nfurmat li l-għażla tal-madum kienet l-aktar ċar għal mal-ħajt u l-aktar skur għal ma' l-art.

03.04.27 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.04.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1371/25/I** Email mingħand Kunsill Reġjun Lvant fejn b'referenza għall-upgrading tal-latrini talbu data ta' meta se jitlesta x-xogħol sabiex jieħdu idea sa meta għandhom jestendu l-iskadenza tal-iskema.

**46/1440/25/I** Email mingħand Kunsill Reġjun Lvant fejn b'referenza għall-upgrading tal-latrini - Ġnien 4 ta' Lulju nformat lill-Kunsill li din it-talba ġiet milqugħa.

03.04.29 Fuq dan il-punt, is-Sindku irrefera għall-korispondenza **46/1371/25/I 46/1440/25/I** u informa lill-Kunsill li, wara li l-Kunsill sar jaf li hemm possibilita' ta' finanzjament mir-Reġjun Lvant bħal ma ser isir għall-latrina tal-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta, saret talba lir-Reġjun, liema talba ġiet milqugħa, u għalhekk fiż-żmien li ġej il-Kunsill ser jkun qed jagħmel upgrading tal-Latrina li tinstab fil-Ġnien 4 ta' Lulju. Għal dan il-għan il-kelliem ippropona li jinbeda l-proċess biex jinħarġu l-offerti relatata u jekk ikun hemm bżonn jiġi nvolut il-Perit tal-Kunsill biex jitfassal it-tender u l-ispeċifikazzjonijiet neċessarja.

03.04.30 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1164/25/I** Email mingħand LGD dwar siti ta' Patrimonju Storiku li jeħtieġu restawr.

**46/1251/25/I** Email mingħand is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit fejn bagħat lista ta' postijiet li għanda ssir applikazzjoni għalihom.

03.04.32 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1164/25/I u 46/1251/25/I** fejn ippropona li tiġi ratifikata d-deċiżjoni li s-siti ndikata għandhom ikunu 1) l-arloġġ ta' Pembroke, 2) is-swar tal-fortizza, 3) ir-rifle ranges, 4) il-Fortizza, 5) l-Australia Hall, 6) l-ismijiet tal-konkos, u 7) il-bridge fin-Natura2000.

03.04.33 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1180/25/I** Kwotazzjoni mingħand B. Grima & Sons għal provvista u nstallazzjoni ta' Pencil Bollards.

**46/1311/25/I** Kwotazzjoni mingħand Traffic Management Products għal provvista u nstallazzjoni ta' Pencil Bollards.

**46/1312/25/I** Kwotazzjoni mingħand Urban Elements għal provvista u nstallazzjoni ta' Pencil Bollards.

**46/1411/25/I** Kwotazzjoni mingħand Stramat għal provvista u nstallazzjoni ta' Pencil Bollards.

03.04.35 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1180/25/I, 46/1311/25/I, 46/1312/25/I u 46/1411/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi bl-irħas stima.

03.04.36 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.04.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1236/25/I** Email mingħand Ing. Karl David Agius fejn bagħat ir-rapporti fuq il-kundizzjoni tal-playgrounds.

03.04.38 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1236/25/I** fejn saħaq li bi qbil bejn il-Kunsill Lokali, l-MTA u l-Ministeru kkonċernat, il-playing area ta' Ġnien Pembroke jingħalaq l-aċċess tagħha sakemm jitlesta x-xogħol neċessarju u bżonjuż li sa llum huwa ta' periklu għal dawk it-tfal li kienu qed jagħmlu użu minnha. Intant, is-Sindku saħaq li skont il-ftehim li hemm bejn il-partijiet, din it-tiswija hija skedata li tkun lesta sal-bidu ta' April.

**46/1307/25/I** Applikazzjoni mingħand l-Awtorita' tad-Djar għall-permess tal-iżvilupp PA/05431/24 – żvilupp sit vojt Triq il-Kurunell Cocks u Triq Tunis.

03.04.39 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1307/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma joġġezzjonax għal din l-applikazzjoni.

03.04.40 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.41 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1328/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon fejn qed jissuġġerixxi li l-attività ta' Ħamis ix-Xirka din is-sena (17 ta' April) ssir ġewwa Għawdex.

**46/1418/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon fejn b'referenza għall-attività ta' Ħamis ix-Xirka nforma l-Kunsill li tkellem mar-Reġjun Lvant għall-għajnuna għat-trasport f'Għawdex.

03.04.42 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1328/25/I u 46/1418/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din il-proposta. Intant is-Sindku talab lill-Kunsillier Lanzon sabiex jipprovdi pjan ta' kif ser tkun qed issir l-attivita' u x'hemm bżonn min-naħa tal-Kunsill li jkun organizzat. Il-kelliem talab li din l-informazzjoni għandha tkun għand is-Segretarju Eżekuttiv sa mhux aktar tard min nhar it-Tlieta 4 ta' Marzu 2025.

03.04.43 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.44 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1348/25/I** Email mingħand l-Iskola Nazzjonali tal-Isport għall-permess biex issir Charity run nhar it-Tlieta 11 ta' Marzu bejn l-10.00am u l-11.30am.

**46/1083/25/I** Email mingħand l-iskola Sekondarja fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex il-Ħamis 22 ta' Mejju 2025 jorganizzaw Charity Fun Run.

03.04.45 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1348/25/I u 46/1083/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' dawn it-talbiet dejjem jekk l-applikanti jipprovdu d-dokumentazzjoni neċessarja mitluba mill-Kunsill. Il-kelliem ippropona wkoll, li jekk ikun hemm bżonn ta' kiri t'uffiċjali, dan jiġi ofrut li jsir mill-Kunsill fejn għandha tintuża l-allokazzjoni provduta mir-Reġjun.

03.04.46 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.04.47 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1352/25/I** Email mingħand Project Green fejn ikkonfermaw li tneħħija ta' cables minn Triq l-Imħallef W. Harding ġiet approvata u l-ispejjeż ser jiġu mħallsa minnhom.

03.04.48 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1352/25/I** fejn ippropona li fid-dawl ta' dan, issa l-Kunsill jista' joħroġ il-works order relatata mal-arbli tad-dawl. Il-kelliem informa lill-Kunsill li wara diversi diskussjonijiet ma' IM, l-istess entita' approvat li Triq l-Imħallef William Harding (parti) u Triq Salvatore Castaldi, jingħataw wiċċ ġdid.

03.04.49 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.50 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1353/25/I** Email mingħand Project Green fejn bagħtu l-pjanti proposti madwar is-sit tal-Aġenzija Sapport - Dar Warda.

03.04.51 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1353/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din il-proposta.

03.04.52 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.53 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1360/25/I** Email mingħand J&K Contractors fejn bagħat spjegazzjoni għall-invoice li bagħat dwar xogħol ta' patching fit-triq tal-bajja.

**46/1380/25/I** Email mingħand J&K Contractors fejn informa l-Kunsill li l-peress li x-xogħol ta' patching mhux fit-tender tiegħu ma jistax joffri servizz iżda lest li jgħin jimla xi ħofor urġenti bi prezz provdut.

03.04.54 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1360/25/I u 46/1380/25/I** fejn ippropona li dwar il-kwistjoni fuq il-kont, f'dan l-istadju l-Kunsill mhux ser japprova t-talba tal-Kuntrattur, imma ser jimxi fuq dak propost mill-Perit, u rigward patching bil-cold asphalt, il-Kunsill qed japprova l-istima provduta.

03.04.55 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.56 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1361/25/I** Email mingħand residenta fi Triq Dun Amabile Sisner fejn ikkonfermat li quddiem il-propjetà tagħha trid issir kaxxa safra u mhux double yellow lines.

03.04.57 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1361/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

03.04.58 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.59 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1375/25/I** Email mingħand LGD fejn informaw lill-Kunsill bl-estensjoni - SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025-2026, fejn għall-attivitajiet li ser isiru bejn l-1 ta' Ġunju 2025 u l-31 ta' Lulju 2025, id-data ta' l-għeluq qed tiġi estiża sa l-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2025, u għal dawk li l-attività tagħhom ser tiġi proposta li ssir bejn l-1 ta' Awissu 2025 u l-31 ta' Mejju 2026, id-data ta' l-għeluq qed tiġi estiża sa t-Tlieta, 20 ta' Mejju 2025.

03.04.60 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1375/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill ser jara kif jista' jipparteċipa f'din l-iskema u d-dettalji tal-attivitajiet ser ikunu qed jiġu kkomunikati mal-Kunsilliera aktar 'il quddiem.

03.04.61 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.62 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1470/25/I** Email mingħand residenta fejn talbet sabiex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja re PA 5415/20 – 3, Triq il-Profs Jos E. Debono / Triq Patri Indri Vella.

03.04.63 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1470/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni u għalhekk għandha tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja.

03.04.64 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.65 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1487/25/I** Kwotazzjoni mingħand Salvu Cleaning Services għal 5 mobile toilets.

**46/1572/25/I** Kwotazzjoni mingħand Zaren Scicluna għal 5 mobile toilets.

03.04.66 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1487/25/I u 46/1572/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' l-irħas offerta u dan hekk kif titlob il-proċedura.

03.04.67 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.04.68 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1550/25/I** Email mingħand Best Deal fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex isir boundary wall fi Triq il-Profs. Jos E. Debono minħabba li ser jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni PA/05675/24.

03.04.69 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1550/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li meta l-iżvilupp jitla' mal-livell tat-triq, il-boundary wall jiddaħħal lura mal-linja tal-bini.

03.04.70 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.04.71 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1583/25/I** Notifika mingħand it-Tribunal tal-Appell tal-PA dwar PA 05162/24 – Billboard fi Triq Sant'Andrija.

03.04.72 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1583/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill juri l-interess tiegħu fl-appell intavolat.

03.04.73 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.74 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.75 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza t-tieni edizzjoni tas-serata 'MARA' imtella mill-uffiċċju tal-mara tal-Prim Ministru Dr. Lydia Abela, bħala rikonoxximent tal-kontribut siewi tan-nisa f'oqsma differenti tas-soċjetà Maltija, fejn ippropona li l-Kunsill jinnomina lis-sinjura Rita Zammit (l-amministratur tal-paġna ta' Facebook Leave Pembroke Alone) għall-premju mara fil-kategorija attiviżmu favur ambjentali.

03.04.76 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.77 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.78 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li fil-jiem li għaddew, resident li joqgħod Blokk 4 Trejqet Giuseppe M Letard, infurmah li jixtieq li l-parti ta' quddiemu, jitneħħa l-konkos u l-parkeġġ, u minflok issir ġardina kif kienet qabel bdew il-Kunsilli Lokali. Fid-dawl ta' dan il-kelliem talab il-kummenti tal-membri preżenti.

03.04.79 Wara diskussjoni li saret, il-Kunsillier Raymond Lanzon ippropona li t-talba m'għandix tiġi milqugħa, u għalhekk is-sit għandu jibqa' parkeġġ b'aċċess liberu kif jinsab llum il-ġurnata, u dan fid-dawl li l-ammont ta' vetturi dejjem qed jiżdied.

03.04.80 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.04.81 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.82 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li biswit is-sit indikat fi Trejqet Giuseppe M Letard, għandha tiġi upgraded f'soft area u jitneħħa l-qasab li hemm.

03.04.83 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

03.04.84 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.85 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li kellu lment li residenta minn Blokk 1, Triq San Patrizju, qed jitlob li titneħħa l-charging station għall-karozzi li jaħdmu bid-dawl, minħabba li l-qtates mhux jisimgħu l-vetturi li jkunu ġejja u jispiċċaw jittajru. Fid-dawl ta' dan il-kelliem talab il-kummenti tal-membri preżenti.

03.04.86 Wara diskussjoni li saret il-Kunsillier Raymond Lanzon ippropona li c-charging station m'għandiex titneħħa.

03.04.87 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit issekonda.

03.04.88 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.89 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill ser ikun qed jevalwa x'soluzzjonijiet jista' jkun hemm biex jitnaqqas ir-riskju li jittajru l-qtates f'San Patrizju.

03.04.90 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.04.91 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.92 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill biex jipprepara disinn u stima abbażi tar-rati tal-public works ħalli jiġi upgraded is-sit ta' fuq il-ġibjuni ta' Triq il-Mediterran, liema xogħol għandu jikkunsidra s-saqaf tal-istess ġibjuni.

03.04.93 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.04.94 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.04.95 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għal Minuti 01/K9/2025 item 01.04.4 u għall-korrispondenza 46/9078/24/O, fejn ippropona li ladarba ma kienx hemm problemi, l-eżentazzjoni għal estensjonijiet tal-ħinijiet tax-xogħol, bl-istess kundizzjonijiet, qed tiġi estiża għal xahrejn oħra.

03.04.96 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.04.97 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

03.05.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għadda għall-item li kien imiss.

## 03.06 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

03.06.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

03.06.2 **Internal Memo 02/2025** – Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 02/K9/25 u 03/K9/25. **(Ara Dok. 01)**

03.06.3 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 02/2025** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

03.06.4 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.06.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.06.6 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill bil-laqgħat li saru mal-Kunsill:

- Nhar it-Tlieta 05/02/2025 saret laqgħa ma' Pembroke Athleta Football Nursery fejn għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg (il-membri l-oħra tal-Kunsill kienu skużati minħabba raġunijiet validi) filwaqt li għall-Football Nursery kienu preżenti s-Segretarja Julia Caruana, l-Amministratur George Caruana u l-Head Coach Philip Pisani. Il-kelliem informa lill-Kunsill li d-diskussjoni kienet dwar l-aħħar żviluppi li kien hemm fil-Pembroke Athleta Sports Club fejn in-Nursery infurmaw lill-Kunsill li l-President tal-Pembroke Athleta Sports Club, Alex Calleja, jidher li għandu l-intenzjoni li partijiet mill-faċilitajiet li jintużaw minn Nursery, jitneħħew, u minflok isiru Padel Courts, azzjoni li skond huma ser ixxekkel ix-xogħol tal-istess Nursery bil-possibilità li jitilfu l-liċenzja li jkunu jistgħu joperaw, u dan b'detriment għal 185 membru li għandhom.

- Nhar l-Erbgħa 06/02/2025 saret laqgħa mal-Community Police fejn għall-Kunsill kien preżenti s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg filwaqt li għall-Pembroke / Swieqi Community Police Team kienu preżenti s-Surġent 186 Kristian Mintoff u PC Kendrich. Il-kelliem irrimarka li waqt il-laqgħa saret diskussjoni dwar il-problema tal-parking fi Triq il-President Anton Buttigieg, Triq Alamein, Triq Giorgio Mitrovich, fl-akwata ta' San Ġorġ u madwar l-iskola primarja, il-bżonn t'aktar preżenza fit-triq u aktar infurzar speċjalment madwar is-siti fejn qed issir il-kostruzzjoni.

- Nhar il-Ħamis 13/02/2025 saret laqgħa dwar l-upgrading l-istat tal-bandli ta' Pembroke amministrat mill-MTA. Preżenti għall-laqgħa kien hemm, għall-Kunsill, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, għall-Ministeru s-sur Sandro Azzopardi, u għall-MTA is-sinjuri Mark Scerri Simiana u Francelle Caruana. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill ġie infurmat li l-parti tal-bandli fejn hemm it-tapit imqatta kienet ingħalqet għall-pubbliku u li l-MTA ser tara li kemm jista' ikun malajr tiġi rranġata l-ħsara li hemm b'mod temporanju u dan sakemm jinħareġ tender ġdid biex tinbidel l-art kollha tas-safety material. Dwar il-bandli, il-Kunsill ġie nfurmat li l-MTA mhux ser tibdel l-istrutturi għalissa għax skond l-Inġinier dawn għad fadlilhom x'joffru. Dwar il-kunċett tal-problemi fuq is-sit minħabba l-kuntratt mal-Pembroke Altheta Sports Club, il-Kunsill ġie nfurmat li l-Ministeru qed jieħu parir legali abbażi tal-kuntratt li kien ġie ffirmat fi żmien l-ex Ministru F. Zammit Dimech snin ilu.

- Nhar it-Tlieta 25/02/2025 saret laqgħa dwar dwar l-upgrading fis-sistema tad-dranaġġ u trinek li ser isiru għall-Enemalta fil-lokal. Preżenti għall-laqgħa kien hemm, għall-Kunsill, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, filwaqt li għall-entitajiet kien hemm għal db Group (minħabba li s-sit tista' tkun affetwata) il-Perit Darren Sciberras u s-sinjuri Daniel Bezzina, Manuel Cassar u Chris

Micallef, għall-WSC is-sur Josef Debono, u għall-kumpanija li ser jagħmel ix-xogħol, Rock Cut, is-sur Rhys Buttigieg u l-Perit Albert Spiteri. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-WSC ser tkun qed tagħmel xogħol ta' mains ġodda tad-dranaġġ li mill-pumping station li hemm fit-tarf ta' Triq Pietru D'Armenia ser jibqgħu sejrin sal-mini li hemm fid-daħla ta' Pembroke taħt Triq Sant'Andrija, liema trinek ser jgħaddu tul Triq il-Profs Walter Ganado. Tul Triq Ganado u madwar ir-roundabout ta' San Ġorg, ser isiru ukoll trinek għall-Enemalta biex jgħaddu cables ħalli jsaħħu s-sistema tad-distribuzzjoni fl-akwata. Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol huwa previst li jsir f'fażijiet differenti kif ukoll li kollox għandu jkun lest qabel is-Sajf. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li minn taħt il-bankina ta' Triq Mediterran, ser jgħaddi pressure main tal-WSC.

- Nhar it-Tlieta 25/02/2025 saret laqgħa dwar żewġ proġetti approvata mill-public Works li ser jibdew fil-jiem li ġejja, liema proġetti huma l-upgrading tal-passaġġ bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich kif ukoll il-bankina li minn triq il-Mediterran tagħti għall-parkeġġ ta' wara Pembroke Athleta Sport Club. Preżenti għall-laqgħa kien hemm, għall-Kunsill, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, għall-Public Works il-Perit Nadia Galea Curmi u għall-kuntrattur is-sur Valerio Camilleri f'isem il-kumpanija BAVA.

03.06.7 B'referenza għal-Minuti 01/K9/2025 item 01.04.64 relatat mal-permessi mitluba mill-WSC vis-a-vis ix-xogħol li ser jagħmlu fuq main tad-dranaġġ ġdid u tqegħied ta' cables għan-nom tal-Enemalta, inkluż il-laqgħa li saret aktar kmieni riferuta fil-laqgħa, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill jirtira l-oġġezzjonijiet li kien għamel il-Kunsill għall-permessi tax-xogħol relatata. Il-kelliem irrimarka li dan ser iseħħ wara li l-Kunsilliera ġew murija l-pjanti tax-xogħlijiet kemm tal-WSC kif ukoll tal-Enemalta, inkluż il-main ġdid ta' high pressure, u ġie spjegat lilhom kif ser jimxi x-xogħol u x'diversions li ser jidħlu fis-seħħ. **(Ara Dok. 02 u 03)**

03.06.8 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.06.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

03.07.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 04, 05, 06 u 07)**

03.07.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat.

03.07.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.07.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.08 Mozzjonijiet.

03.08.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 03.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

03.09.1 Il-Kunsillier Raymond Lanzon informa lill-Kunsill li mhux ser jista' jattendi għall-laqgħa li jimss tal-Kunsill.

03.09.2 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fis-19:00 wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2025 fil-5:30pm.

**Konfermati, illum 26 ta' Marzu, 2025**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Av. Kaylon Zammit | Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt) |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |